MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta ta' l-10 ta' Lulju, 2009

Numru. 150/2009

Il-Pulizija
(Sp Tony Cachia)
vs
Joseph Galea, iben Peter, imwieled Ħal-Qormi fid-9 ta' Jannar, 1951

Il-Qorti,
Rat l-akkuża kontra l-imputat talli fid-9 ta' Lulju, 2008, u fix-xhur u fis-snin ta' qabel, permezz ta' fil li llegalment qabbad mal-provvista tad-dawl tal-fond Borg Flats, flat 2, Triq Ramija, Siġġiewi bi gwadan għall-garage tiegħu li jinsab sottopost għall-fond fuq imsemmi abitat minn Jason Zahra u Joanne Zahra, seraq ammont ta' kurrent elettriku għad-dannu ta' l-imsemmija Jason Zahra u Joanne Zahra, il-kwerelanti, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-valur, bil-lok u bil-ħin.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi.

Illi mill-provi prodotti ma jirrizulta ebda ħtija ta' l-imputat.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tal-akkuża miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah mill-istess akkuża.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------